MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 78/2005

**Pace John**

**vs**

**Scicluna Joseph u fil-11 t'Ottubru 2005 Anthony Scerri**
**gie mghajjat fil-kawza bhala terza persuna.**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

" Peress illi l-attur irrenda xogholijiet ta' panel beating, tiswijiet u xogholijiet relatati, fuq il-vettura tal-konvenut tal-marka Seat Maribella bin-numru EBA 558 fuq inkarigu ta' l-istess konvenut.

U peress illi l-konvenut ma hallas xejn minn dan l-ammont ta' Lm60 dovut ghal dan ix-xoghol.

Jghid il-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni ghaliex ma ghandux ihallas lil attur is-somma ta’ Lm60, dovuta kif fuq imsemmi.

Bl-ispejjes kollha nkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tad-9 ta’ Awissu 2005. Bl-imghax skond il-ligi.”

Ra r-risposta li tghid hekk:

“1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.
2. Illi ghalkemm il-vettura li saru t-tiswijiet fuqha hija proprjeta’ ta’ l-esponenti, it- tiswijiet ma sarux fuqha fuq inkarigu tieghu.
3. Illi kien fil-fatt certu Anthony Xerri ta “Madonna ta’ Pinu”, Triq San Gwann Battista, Xewkija, Ghawdex, li ha l-vettura ghand l-attur ghal tiswija u dan peress illi kien hu li kkawza l-hsarat fuqha f’incident awtomobilistiku, u dan kif jigi dettaljatament pruvat fis-smiegh tal-kawza.
4. Illi ghalhekk l-istess Anthony Xerri ghandu jigii kjamat fil-kawza u ghandu jkun hu li jigi kundannat ihallas l-ammont pretiz.
5. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess l-esponenti qed jikkontesta l-ammont ta’ hlas pretiz mill-attur.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez.”

Ra li l-kjamat fil-kawza debitament notifikat baqa’ ma wegibx

Ra l-kapitoli pprezentati mill-attur fil-konfront tal-konvenut ghal liema kapitoli l-konvenut baqa’ kontumaci.

Sema’ l-provi

Ikkunsidra

Illi jirrizulta li l-kjamat fil-kawza permezz taz-ziemel tieghu ghamel hsara fil-vettura stazzjonarja tal-konvenut;

ammetta t-tort; talab li l-hsara tigi msewwija a spejjez tieghu ghand l-attur li huwa panel beater li kien jaf hu; il-konvenut accetta u marru flimkien ghand l-attur, li eventwalment sewwa l-hsarat fil-vettura. Ma hemmx kwistjoni dwar il-quantum tal-prezz, li kien ta' LM60. Tabilhaqq jinghad f'wahda mill-eccezzjonijiet fir-risposta li l-prezz kien esagerat imma jidher car mid-deposizzjoni tal-konvenut li din l-eccezzjoni ddahhlet ad insaputa tieghu mill-avukat tieghu.

L-attur qieghed jitlob dawn is-LM60 minghand il-konvenut li min-naha tieghu isostni li l-ftehim ma sarx bejnu u l-attur imma bejn l-attur u l-kjamat fil-kawza. Rinfaccjat b'dawn iz-zewg verzjonijiet, it-Tribunal ghandu l-kompitu jara liema wahda minnhom ghandha titwemmen.

Ghandu jinghad mill-ewwel li l-attur xejn ma kien konvincenti fix-xhieda tieghu filwaqt li min-naha l-ohra x-xhieda tal-konvenut kienet koerenti, konsistenti u iktar verosimili.

Mistoqsi mill-avukat tieghu ma min ftiehem il-prezz, l-attur wiegeb, b'mod konfuz: *mas-sid, mas-sid tal-vettura. Ftiehemt magghom it-tnejn imma kif telaq l-iehor* (hawnhekk waqaf ghax gie interrott mill-avukat tieghu permezz ta' domanda ohra)(deposizzjoni fis-seduta tas-7.10.2005). Ikkontroezaminat imbaghad qal li *Joe Scicluna gie wahdu li ridt nithallas minghandu peress li l-iehor ... ma tantx ihobb ihallas....irrid nispecifika li l-ewwel darba tajthom stima biss filwaqt li t-tieni darba ftehim* (recte: ftehimt) *mal-konvenut li ried ihallasni hu. Gie tlett darbiet, l-ewwel gie mas-sinjur l-iehor, it-tieni darba gie meta ftehimt mieghu dwar min kellu jhallas u t-tielet darba gie biex jigbor il-karozza wara li x-xoghol kien lest.*

Il-konvenut ukoll xehed fis-seduta tas-07.10.2005. Kif del resto huwa minn lewn id-dinja, qal li l-ftehim bejnu u bejn il-kjamat fil-kawza kien li jhallas dan tal-ahhar, ghax wara kollox kien dan li kkawzalu l-hsara, u biex jikkuntentah accetta li l-hsara tigi msewwija ghand l-attur. Meta marru ghand l-attur, sar ftehim fuq il-prezz – LM60. Pero' l-istess attur u l-kjamat fil-kawza bdew jillatikaw bejniethom

ghax dan tal-ahhar ippretenda li mill-prezz jitnaqqaslu excess ta' assikurazzjoni kawza ta' incident li l-konvenut ma kellu x'jaqsam xejn mieghu. Billi ma kienx possibbli ghall-attur li jsewwi l-vettura dakinhar stess, talbu biex jehodhielu gimgha wara. Hekk sar. Imbaghad x'hin mar jigbor il-karozza msewwija l-attur talab il-hlas minghandu, izda l-konvenut irrifjuta u wiegbu li l-ftehim kien li jhallas il-kjamat fil-kawza.

Mhux verosimili li fl-ewwel okkazjoni, meta marru l-konvenut u l-kjamat fil-kawza flimkien, l-attur ta' semplici stima u mhux il-prezz. Tant hu hekk li sehh l-argument dwar jekk dan il-prezz kellux jigu pacut in parte kif fuq spjegat. Dan l-argument ma kienx mal-konvenut imma mal-kjamat fil-kawza. U dan l-argument gie rizolt billi minflok il-prezz thalla LM80 kif talab originarjament l-attur, tnaqqas ghal LM60 bil-kundizzjoni li l-fanal, li kien inkiser kawza tal-incident, ihallsu l-konvenut.

Jirrizulta ghalhekk illi l-ftehim dwar il-hlas tal-prezz kien sar bejn l-attur u l-kjamat fil-kawza, izda sussegwentement l-attur biddel il-hsieb u beda jippretendi li l-hlas isir minghand il-konvenut. Sahansitra anke wara li giet ikkonsenjata lura l-karozza msewwija, il-konvenut u l-kjamat fil-kawza regghu marru ghand l-attur u minkejja l-ftehim rega' faqqa' l-argument dwar it-tpacija bejn l-attur u l-kjamat fil-kawza.

Dawn l-argumenti kollha jindikaw kemm verament il-ftehim ma kienx mal-konvenut, imma mal-imsejjah fil-kawza. Kieku l-ftehim tabilhaqq sar mal-konvenut, ma kienx ikun hemm lok ghal dawn l-argumenti li certament il-konvenut ma kellux x'jaqsam maghhom.

Jonqos fl-ahharnett li jigu kkunsidrati l-kapitoli tal-attur fil-konfront tal-konvenut. Il-kontumacja tal-konvenut u n-nuqqas ta' twegiba minnu ghall-interrogatorju formali ma jurux il-fondatezza tal-pretenzjoni tal-attur, ghax l-imhallef jista' biss iqis bhala ammessi l-fatti oggett tal-interrogatorju biss wara li jkun ivvaluta kull element ta' prova filwaqt li l-kontumacja – li hija fatt processwali li jiddetermina effetti specifiki, espressament previsti u

determinati mil-ligi – ma tintroducix derogi ghall-principju tal-piz tal-prova, u l-anqas tista' tassumi tifsira probatorja favur id-domanda tal-attur[1]

Li l-kontumacja ghas-subizzjoni mhix ammissjoni tat-talba, jirrizulta mill-konfront tal-artiklu 228 ( li jiprojbixxi appell minn sentenza moghtija fuq ammissjoni tat-talba)  mal-artiklu 698 ( li jghid li fil-kontumacja tal-konvenut, <u>minghajr raguni tajba</u>  <u>il-mistoqsijiet</u> jitqiesu bhala ammessi u accettati) ta' Kap 12[2].  Kieku l-kontumacja tas-subent kienet tammonta ghal ammissjoni tat-talba, il-konvenut ma kien qatt ikollu l-jedd jappella biex juri raguni tajba ghan-nuqqas ta' dehra tieghu.  Apparti minn dan, huma l-mistoqsijiet dedotti fil-kapitoli, u mhux it-talba attrici li jigu dedotti fis-subizzjoni.

Hawnhekk si tratta minn konfessjoni gudizzjali tacita. Ghandna kaz specifiku fejn il-ligi  tqis  il-kontumacja tal-parti bhala pregunta ammissjoni tal-htija jew tad-debitu taghha.  Din hija haga eccezzjonali, u bhala tali ghandha tittiehed bis-serjeta' u bic-cirkospezzjoni mehtiega.  Il-kaz tas-subizzjoni  huwa l-uniku kaz fil-procedura civili fejn il-ligi tammetti speci ta' konfessjoni tacita, fejn altrimenti mhi ammessa mkien, u dan in forza tal-principiu *nemo tenetur edere contra se.*  Huwa deroga ghall-principju generali li l-kontumacja tfisser oppozizzjoni ghat-talba tal-kontroparti. Ghalhekk din it-tip ta' konfessjoni  m'ghandhiex tigi ammessa hlief bl-iktar mod ristrett.

Ir-raguni ghal din id-deroga tista' tigi misluta mill-kumpless kollu tan-normi li jirregolaw l-izvolgiment tal-process gudizzjarju.  {aldarba jkun beda l-gudizzju,  kull wahda mill-partijiet tigi sottoposta ghal certi formalitajiet li trid il-ligi u certi rigorozitajiet, li ghandhom jigu sodisfatti, inkella dik il-parti trid tbati l-konsegwenzi.

Il-parti li jsirulha l-mistoqsijiet in subizzjoni ossija l-hekk imsejjah interrogatorju, ghandha d-dover li tirrispondi.  Dik il-parti m'ghandhiex l-obbligu, guridikament li tikkonfessa

---

[1] Cass civ sez i, 02.03.1996 n 1648  Orlando c. Brescia
[2] ara f'dan ir-rigward  Av. Carmelo Mifsud Bonnici vs Antonio Seracino – 03.09.1923 – QAI – XXV.i.740

u tammetti t-tort taghha stess.  Jew li taghmel hsara, bir-risposta lill-kaz taghha.  Tant hu hekk li xi guristi jsostnu li ma hemm l-ebda piena f’dan ir-rigward ghal min jikkonfessa falsament.  Izda mill-banda l-ohra l-parti msejjha ghas-subizzjoni  l-anqas m’ghandha tiehu ateggjament negattiv,  li tippriva lill-kontroparti li tasal ghall-verita’ guridika u gudizzjarja tal-process.  Ghalhekk jekk il-parti migjuba in subizzjoni, ma tidhirx u ma tirrispondix,  tinholoq il-pregunzjoni li hija ammettiet il-fatti kif dedotti.

Izda din tibqa’ dejjem semplici pregunzjoni li tista’ tigi ribattuta bil-mezzi idonei.  Il-pregunzjonijiet fil-ligi ma jwasslux biex ibiddlu l-veritajiet,  izda biex  in mankanza ta’ provi ohrajn, jittiehdu bhala veritajiet.  Il-kontumacja fis-subizzjoni ma tridx tittiehed bhala xi forma ta’ piena.  *Deve quindi respingersi la tesi propugnata  da alcuni autori e anche in qualche sentenza che, cioe’, la legge ritenga per esistenti i fatti dedotti in interrogatorio a punizione dell’interrogato che non ha adempito all’obbligo di rispondere*[3].  *Una siffatta conclusione sarebbe arbitraria e snaturerebbe l’indole stessa della confessione*[4].

Hija intuwittiva r-raguni l-ghala din il-pregunzjoni favur il-konfessjoni tacita hija ribattibbli bi provi kuntrarji.  Altru dikjarazzjoni esplicita ta’ tort – din anzi hija r-regina ta’ kull prova – u altru deduzzjoni tal-istess minhabba s-silenzju. Fit-tieni wahda hemm biss semplici pregunzjoni *che puo’ essere distrutta da prova contraria…. La confessione tacita ha il valore di una presunzione juris.  Non solo la legge  accorda alla parte la facolta’ di scongiurare gli effetti  del suo silenzio dimostrando  un legittimo impedimento,  ma la dottrina e la giurisprudenza  sono in massima concordi nell’ammettere  sempre la prova contraria*[5].

---

[3] Cass. Roma 26.02.1885, Annali, 1885, 1,269
[4] Adolfo Beria, *Confessione* in Dizionario Pratico di Diritto Privato Vol II, pag 342; Pescatore, *Trattato delle Prove Giudiziali in Materia Civile e Logica del Diritto*
[5] Cass Napoli 22.05.1877, *Legge,* 1878, I. 346; Cass Firenze 22.02.1892, *Legge 1892,* I. 618 – i``itati minn Beria, op. cit.

Il-pregunzjoni tal-konfessjoni tacita tista' tigi ribattuta billi tigi kontrastata mal-incidenzi l-ohrajn kollha tal-kaz, specjalment meta l-parti msejjha ghas-subizzjoni tkun diga' xehdet, u jkun hemm ukoll xhieda ohra abbundanti mressqa minnu. Il-Qorti ma tistax tiehu kapitoli bhal dawn, li aktarx jitressqu biex jaghtu gambetta lill-avversarju, bhala ammessi, u tinjora dak kollu li jkun sar fil-kawza sa dakinhar. Jekk taghmel hekk tkun qieghda taghmel l-ikbar straxxiku u l-ikbar ingustizzja. Il-process legali huwa immirat sabiex iwassal lill-Qorti ghar-ricerka tal-verita'. Process li jwassal lill-Qorti lil hinn hafna mill-verita' huwa travestija tal-process legali. Anzi f'kaz bhal dan il-Qorti l-anqas biss ghandha tapprova l-kapitoli meta jigu mressqa quddiemha. Hija m'ghandhiex tammetti quddiemha bhala prova xi haga li *a priori* tidher li sejra jkollha effett fazull.

Hekk ukoll, gie ritenut li konvenut li jkun ressaq eccezzjonijiet li kienu jirrikjedu spjegazzjoni mill-attur u ma jkunx deher ghal seduta sussegwenti u li fiha minflok l-attur ikun ressaq il-kapitoli ma jistax jitqies li kien kontumaci: *attesocche' pero' la causa non veniva trattata per la prima volta e nella prima udienza il convenuta ossia il difensore del convenuto era comparso, e sembrerebbe che avesse dato eccezioni le quali obligavano l'attore a dare spiegazione sulla data in cui ebbe origine il credito ed in tale prima udienza furono proposti capitoli per la subizione del convenuto e pertanto questi poteva ritenere che la sua presenza non sarebbe stata richiesta nelle ulteriori udienza e pertanto i capitoli a lui differiti nella terza e Quarta udienza non si possono ritenere come confessati, ed il convenuto non puo' essere ritenuto come contumace*[6]*.*

Intqal ukoll li *la valutazione del giudice in ordine di ammissibilita' ed alla rilevanza di un interrogatorio formale, va effetuata sulla base del contenuto dei capitoli in rapporto ai termini della controversia, e non in base al supposto esito del mezzo istruttorio, perche' altrimenti la*

[6] Paul Vassallo vs Giovanni Bonello - XXI.i.312

*detta valutazione si risolverebbe in un apprezzamento fondato su di una supposizione[7].*

F'materja tal-interrogatorju formali, il-kapitoli ma jservux necessarjament biex jippruvaw il-kaz ta' min iressaqhom, izda *il comportamento della parte che omette di rispondere senza giustificato motivo, all' interrogatorio formale deferitole sui fatti della causa, puo' essere interpretato, valutate le altre risultanze processuali, come ammissione dei fatti controversi[8].*

L-imhallef Alberto Magri, sedenti fil-Prim'Awla, f'*Carmel Calafato vs Carmel sive Charles Cauchi*[9] f'sentenza klassika in materja, osserva li g]alkemm huwa veru li skond dak li llum huwa l-artiklu 698(2) Kap 12, il-kapitoli jitqiesu konfessati, dan ma jfissirx li l-Qorti hija obbligata toqghod dejjem fuq dik il-pregunta konfessjoni. Is-subizzjoni hija semplici mezz ta' prova u ghandha tigi ezaminata u valjata bhal u flimkien mal-provi l-ohra kollha tal-kawza. Diversament tinholoq l-assurdita' li l-provi l-ohra, attendibbli kemm jista' jkun, ikollhom icedu quddiem is-subizzjoni, anke jekk jirrizulta li r-risposti moghtija fil-kapitoli huma foloz. Din tidher li hija l-fehma tal-legislatur Malti (illum art 694(3) Kap 12) kif ukoll l-interpetazzjoni kostanti tal-Qrati Maltin, li jibbazaw ix-xindibilita' tar-risposti fis-subizzjoni fuq il-kriterju tal-kredibilita[10] u hallietha ghalhekk *al criterio morale della corte [11].* Del resto il-konfessjoni naxxenti mill-kapitoli hija biss pregunta, u tista' tikkostitwixxi l-prova unika u inkonkussa, fil-kaz biss li ma jkunx hemm provi ohra *dalle quali possa esserne indebolito il valore[12].* L-imhallef Magri kkonkluda li ladarba in vista tac-cirkostanzi rilevanti fil-kawza li kellu quddiemu, il-Qorti ma setghetx taccetta minghajr diskussjoni l-kontenut tal-kapitoli li ghalihom l-atturi gew imsejjha biex iwiegbu mill-konvenuti izda li baqghu ma wiegbux, bhala prevalenti ghall-provi l-ohra li saru, il-konsegwenza kellha tkun li tibqa' dejjem iktar

---

[7] cass. (Turino) 10.08.1990 n. 8137, in *Mass. 1990*
[8] P Arona, 14.03.1988 in Arch. Circolaz., 1989, 335
[9] XXXVI.ii.484
[10] XIX.i.208
[11] VII.451
[12] XXVI.i.1126

accettabbli l-verzjoni tal-atturi fis-sens li l-lokazzjoni favur il-konvenuti ma kienx hemm.

Il-Kodici Taljan tal-1942 huwa konformi ma' din il-linja ta' hsieb liberali. L-artiklu 232 tieghu jghid li *Se la parte non si presenta o rifiuta di rispondere senza giusto motivo, il collegio, valutato ogni elemento di prova come ammessi i fatti dedotti nell' interrogatorio.* Il-kliem sottolienat gie nterpretat fis-sens li *la mancata risposta non equivale ad una confessione, ma puo' assurgere a prova dei fatti dedotti secondo il prudente apprezzamento del giudice (art 116 c.p.c.) il quale puo' trarre elementi di convincimento in tal senso non solo dal concomitante presenza di elementi di prova indiziaria dei fatti medesimi, ma anche dalla mancata proposizione di prove in contrario*[13]. Intqal ukoll li *l-art 232 c.p.c. non consente di ricollegare alla mancata risposta della parte all' interrogatorio l'effetto automatico della* ficta confessio*, ma considera tale comportamento come circostanza da valutare nel piu' ampio quadro degli altri elementi probatori acquisiti il cui concorso e' necessario per la formazione del convincimento del giudice*[14]

Gie wkoll ritenut fir-rigward tal-kliem sottolineat li *l'ulteriore elemento probatorio non deve peraltro essere ex se suscettivo di fornire piena prova – poiche' in tal caso, risultando assolto l'onere della prova, sarebbe superflua la considerazione della mancata risposta all' interrogatorio - ma deve soltanto fornire elementi di giudizio integrative, idonei a determinare il convincimento del giudice sui fatti dedotti in interrogatorio*[15]

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, ghalhekk, dan it-Tribunal m'huwiex sejjer jikkunsidra l-kapitoli bhala ammessi.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici fil-konfront tal-konvenut, filwaqt li jilqa' t-talba tal-attur fil-konfront tal-kjamat fil-kawza billi jikkundanna lil

[13] cass civ sez i, 07.03.1996 n. 1812 Scata' G. c Scata' S
[14] cas civ sez III, 11.11.1996 n. 9839 Ariobazzone c. Trombetta
[15] cas civ sez II., 29.04.1993 n 5089 Marzolini c. Consorzio Colleverde Secondo

Anthony Scerri jhallas lill-attur is-somma ta’ LM60 prezz ta’ xoghol fuq il-vettura tal-konvenut esegwit fuq inkariku tal-kjamat fil-kawza, bl-ispejjez kemm tal-attur kif ukoll tal-konvenut, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja kollha a kariku tal-kjamat fil-kawza, bl-imghax legali mid-data ta’ din id-decizjoni sad-data tal-eventwali hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------